ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-44 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

Il-44 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 14 t'Awwissu, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ- *Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Simon Vella kienu skużati.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-43 laqgħa tal-Kumitat ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jinżebgħu s-sinjali u jsiru l-marki tat-traffiku li hemm bżonn isiru fi Triq il-Marżebb u fit-toroq tal-madwar.

Is-Sur Farrugia semma x-xogħol li qed isir fi Triq il-Marżebb u ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lill-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura biex tingħata t-tarmak f'parti minn Triq il-Profs JG Baldacchino. Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Is-Sur Bartolo reġa semma l-ħtieġa li l-Kumitat Amministrattiv jagħmel pressjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa biex tittieħed azzjoni biex is-sidien tal-art mitluqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u li fiha ammont konsiderevoli ta' skart jiġu mġiegħla jnaddfu il-plot u jdawwruha b'ħajt. Huwa talab ukoll li jiġu rranġati żewġ kaptelli mkissra li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar l-entratura ta' Triq l-Għakrux u talab li tkompli ssir pressjoni biex tiġi ffurmata t-triq fl-entratura.

Huwa semma wkoll il-ħtieġa li jsir ix-xogħol ta' għoti ta' tarmak fi Triq Dun Salv Sciberras

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol ta' Kumitat

Ma kienx hemm xoghol tal-Kumitat.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li ssir il-bankina fi Triq San Leonardu peress illi kemm ir-residenti kif ukoll il-pubbliku qegħdin jimxu fit-triq b'periklu għalihom.

Is-Sur Farrugia semma l-bżonn li jitneħħew blokki tal-*concrete* li ssemmew fil-laqgħa preċedenti u li għadhom ma tneħħewx mill-kumpanija Rock Cut.

Is-Sur Bartolo semma t-tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku u staqsa jekk hux ser isir it-tibdil propost fi Triq iż-Żagħrun u Triq is-Sebellika. Is-Sur Clews issuġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jikteb lir-residenti u jieħu l-opinjoni tagħhom qabel ma jiġi implimentat it-tibdil li qed jiġi propost.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-45 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Settembru, 2013.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*